32006R1558

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1558/2006

tat-18 ta' Ottubru 2006

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2799/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament (KE) Nru 1255/1999 rigward il-konċessjoni ta' għajnuna għall-ħalib xkumat u t-trab tal-ħalib xkumat intiż għall-għalf tal-annimali u l-bejgħ ta' dan it-trab tal-ħalib xkumat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 10 u 15 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2799/1999 [2] jiffissa l-ammont ta' għajnuna għall-ħalib xkumat u t-trab tal-ħalib xkumat maħsub għall-ikel tal-annimali filwaqt li jqis il-fatturi stipulati fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999. Fid-dawl tal-iżviluppi fil-prezz tas-suq u fil-prezzijiet tal-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat tal-intervent l-ammont ta' għajnuna għandu jitnaqqas.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 2799/1999 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2799/1999, il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-għajnuna hija ffissata għal:

(a) EUR 3,23 għal kull 100 kg ta' ħalib xkumat b'kontenut ta' proteina ta' mhux anqas minn 35,6 % tal-estratt niexef xkumat;

(b) EUR 2,85 għal kull 100 kg ta' ħalib xkumat b'kontenut ta' proteina ta' mhux anqas minn 31,4 % iżda anqas minn 35,6 % tal-estratt niexef xkumat;

(c) EUR 40,00 għal kull 100 kg ta' trab tal-ħalib xkumat b'kontenut ta' proteina ta' mhux anqas minn 35,6 % tal-estratt niexef xkumat;

(d) EUR 35,28 kull 100 kg ta' trab tal-ħalib xkumat b'kontenut ta' proteina ta' mhux anqas minn 31,4 % iżda anqas minn 35,6 % tal-estratt niexef xkumat."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Ottubru 2006

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2)

[2] ĠU L 340, 31.12.1999, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1018/2006 (ĠU L 183, 5.7.2006, p. 12)